MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 10

21 ta' Ottubru 2013

Minuti tas-seduta Nru.10 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 21 ta' Ottubru 2013

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-minuta 2.8.1. **(Ref: A/6/3/1 Vol 82)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"2.8.1. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti dwar attivita` li ġiet ospitata fil-Billy's Bar & Restaurant għad-dilettanti tal-muturi. Huwa qal li ġie avviċinat minn xi residenti li lmentaw mill-volum għoli tal-mużika li ndaqqet fit-triq. Dan minkejja din l-attivita` kellha sseħħ ġewwa l-istabbilment imsemmi, filwaqt li Triq l-Għoljiet kellha tingħalaq biss għall-ipparkjar tal-muturi, irriżulta li ndaqqet mużika b'volum għoli u l-attivita` seħħet fit-triq. Is-Sur H. Fenech irrefera wkoll għal attivita` oħra simili li seħħet quddiem ir-Reflections Bar fi Triq Tas-Salib fit-8 ta' Settembru 2013, meta nħareġ permess mill-Kunsill biex tingħalaq it-triq.".*

1.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 4.6.3 **(Ref: P/5/1/Vol III)** u talab li tinqara hekk:

*"4.6.3. Il-Kunsillier J. Attard qal li l-Kumitat ta' Azzjoni li twaqqaf minn fost ir-residenti qed jinsisti li l-iżvilupp tat-tliet qtajja' indikati għall-iżvilupp fil-barrieri, għandu jkun konsistenti. Għaldaqstant huma qed jikkontendu li l-iżvilupp fl-Area C għandu jkun konformi mal-istess kundizzjonijiet. Is-Sur Attard ippropona wkoll li għandha ssir laqgħa mal-istess kumitat, kemm jekk inbidlu l-pjanti oriġinali, kif ukoll jekk kien hemm xi tibdil fl-Area C.".*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 9, mingħajr emendi, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Art konfinanti minn Triq l-Etna, Triq Mons. Frangisk Xuereb u Triq l-Għasel (P/4/27)

2.1.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Kurja tal-Arċisqof għaddiet abbozz ta' skrittura privata li permezz tagħha l-Kunsill ikun jista' jiżviluppa l-art imsemmija. Fost klawsoli oħra l-iskrittura tipprovdi li:

- Il-Kurja qed tikkonċedi b'titolu ta' *commodatum* lill-Kunsill l-art imsemmija;
- Il-kommodat jingħata mingħajr ħlas biex il-proprjeta` tiġi żviluppata mill-Kunsill bħala post ta' rikrejazzjoni;
- Il-kommodat jingħata għall-perjodu ta' tletin sena, liema perjodu jista' jiġi estiż bil-kunsens espress u fid-diskrezzjoni tal-Kurja;
- L-ispejjeż kollha biex tiġi żviluppata l-art isiru mill-Kunsill, li ma jkollu ebda dritt għall-ħlas lura tal-ispejjeż li jkunu saru fuqha;
- Il-Kunsill għandu jikseb il-permessi kollha relatati mal-iżvilupp;
- Il-Kunsill ikun responsabbli għall-manutenzjoni kollha tal-benefikati li jsiru;
- Apparti l-iżvilupp tal-art bħala post ta' rikrejazzjoni, ma jkunx jista' jagħmel tibdil mingħajr il-kunsens tal-Kurja;
- F'każ li l-art ma tibqax tiġi użata għal skop ta' rikrejazzjoni, jew ikun hemm xi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kommodat, il-ftehim jiġi tterminat *ipso facto*;
- L-art ma' tistax tintuża għal attivitajiet li jmorru kontra t-tagħlim Kattoliku;
- Il-Kunsill għandu jirritorna l-proprjeta` lill-Kurja ma' tmiem il-kommodat; u
- Il-Kunsill ma jistax jgħaddi lil terzi xi parti mill-art kommodata taħt ebda titolu.

2.1.3. Peress li l-Kunsill ser ikun qed jikkommetti fondi pubblici fuq art li tappartjeni direttament lill-Knisja, illi essenzjalment hija proprjetarju privat, kien hemm qbil li qabel jitkompla il-proċess, għandu jinkiseb il-kunsens tal-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

2.1.4. Il-Kunsill innota li min-naħa tagħha l-Kurja pproponiet sabiex art oħra li tappartjeni lilha, konfinanti minn Triq il-Plejju u Triq in-Naħal, tkun tista' tintuża għal skopijiet pastorali u komunitarji, billi attwalment il-*policy* NWUS 6 tal-Pjan Lokali tindika din il-proprjeta` għar-rikrejazzjoni pubblika. Din il-proposta ġiet appoġġjata mill-Kunsill fir-rappreżentazzjonijiet li saru mal-MEPA fir-rigward tar-reviżżjoni tal-Pjan Lokali.

### 2.4.1. Abbuż tal-*bring-in site* fil-Manikata (K/6/11)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti dwar il-*bring-in site* fi Triq il-Manikata qrib il-*guard room* tal-Kamp t'Għajn Tuffieħa. Is-Sur J. Buttigieg qal li ntalab servizz ta' sorveljanza limitat permezz tal-*Eco Wardens*. Huwa qal ukoll li saru kuntatti sabiex jiġi stabbilit x'mezzi jeżistu sabiex tkun tista' ssir sorveljanza.

2.4.3. Is-Segretarju spjega li jistgħu jiġu nstallati *CCTV cameras* li kulma jirrikjedu huwa kurrent elettriku, billi d-*data* tkun maħżuna fihom u tiġi aġġornata billi kontinwament titħassar id-*data* l-qadima sabiex tagħmel wisa' għal dik riċenti. Ġie spjagat li b'dan it-tip ta' *cameras*, wieħed jeħtieġ li jmur fuq il-post u jieħu d-*data* permezz ta' kompjuter *laptop*.

2.4.4. Il-Kunsillier P. Cutajar spjega li permezz tal-*wi-fi* wieħed jista' jmur qrib il-*camera* u jottjeni d-*data* mingħajr ma' jikkonnettja permezz ta' *cable*, *pen drive* jew xi *storage device* ieħor.

2.4.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li fl-estimi 2014 possibilment għandu jkun hemm vot sabiex jiġu installati CCTV cameras qrib il-*bring-in sites* l-aktar li jiġu abbużati.

### 2.5.1. Devoluzzjoni tal-Palazz tal-Marfa (A/6/7/Vol III)

2.5.2. Saret referenza għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti dwar sejħa għall-espressjoni ta' interess rigward l-użu tal-Palazz tal-Marfa. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni li din is-sejħa ġiet ippubblikata fil-ġurnali mis-Segretarjat Parlamentari għall-Ippjanar u

Simplifakazzjoni tal-Proċess Amministrattiv. Ingħata żmien sal-24 ta' Ottubru 2013 sakemm jista' jinġabar id-dokument tal-espressjoni ta' interess, filwaqt li s-sottomissjonijiet jistgħu jsiru sat-12 ta' Diċembru 2013.

2.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li mgħandux jidħol għal devoluzzjonijiet oħra, peress li għad hemm proprjeta` li ġiet mgħoddija illi għadu ma sar xejn fuqha bħal fil-każ tat-Torri l-Abjad u d-*Defence Post* ta' l-Għollieqa. Ġie nnutat li attwalment qed tiġi pproċessata talba oħra għad-devoluzzjoni tal-Armerija fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa.

## 2.6.1. Festa tal-Qara' Aħmar (S/6/Vol VI)

2.6.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.10.3 dwar is-servizz ta' *park-and-ride* mill-parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa sal-Manikata waqt l-attivita` imsemmija, bejn l-10.00am u l-4.00pm. Huwa qal li dan ġie offrut bir-rata ta' €23.60 fis-siegħa (V.A.T. inkluża), bi ispiża totali ta' €141.60.

2.6.3. Il-Kunsill approva din l-ispiża.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 17/10/13;
- Skeda ta' Xiri permezz tal-*Petty Cash* – 05/09/13 – 02/10/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 20/09/13 – 17/10/13;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 08/10/13;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 16/10/13

## 4.0. Korrispondenza

## 4.1.1. Telefons pubbliċi fil-lokalita` (T/2/1/Vol II)

4.1.2. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' *e-mail* datat l-1 ta' Ottubru 2013, GO plc għarrfu li minn osservazzjonijiet li għamlu, jidher illi naqas konsiderevolment l-użu tal-*payphones* segwenti:

- Triq it-Trill;
- Santa Marija Estate - (Triq Għajn Żejtuna);
- Santa Marija Estate (Dar tal-*Brothers* ta' De La Salle);
- Għadira Caravan Site;
- Ramla tat-Torri l-Abjad;
- Għajn Tuffieħa (Riviera Martinque).

4.1.3. GO plc qalet ukoll illi għandha l-intenzjoni li tneħħihom għal din ir-raġuni, iżda talbet l-opinjoni tal-Kunsill qabel tagħmel dan.

4.1.4. Filwaqt li ġie nnutat li l-*payphone* ta' Għajn Tuffieħa (Riviera Martinque) huwa 'l barra mill-konfini tal-Mellieħa il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, bil-kundizzjoni li jitneħħew ukoll il-*cubicles* u attrezzi oħra fejn hemm installati t-telefons indikati.

## 4.2.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq il-Kbira u Triq Sant' Elena (T/3/2/Vol XI)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 10 ta' Ottubru 2013, mibgħut mill-operatur ta' Maypole Confectionery sabiex jiġu allokati faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija ta' merkanzija quddiem il-ħanut tagħhom fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq in-Nases.

4.2.3. Billi ġie osservat li jeżistu numru ta' ħwienet fil-qrib, il-Kunsill qabel li għandu jiġi rrakkomandat lill-Transport Malta sabiex jiġi allokat spazju għal vettura waħda bejn il-ħanut "Il-Qasrija" u l-garaxx komuni li hemm fi Triq in-Nases. Kien hemm qbil li l-operaturi tal-ħwienet affettwati għandhom jiġu mgħarrfa b'din id-deċiżjoni.

4.2.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li faċilitajiet simili ntalbu mill-operatur ta' Ocean Mysteries Diving fi Nru. 11, Triq Sant' Elena, fejn ikun meħtieġ li jitgħabba u jinħatt apparat marbut man-negozju tagħhom.

4.2.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li fil-parti fejn jeżisti l-ħanut imsemmi m'hemmx ħwienet oħra, filwaqt li jeżisti nuqqas kbir ta' postijiet għall-ipparkjar fiż-żona. Għaldaqstant kien hemm qbil li t-talba għandha tiġi rrifjutata. Il-Kunsill qabel ukoll li l-linji sofor li hemm quddiem iż-żewġ garaxxijiet li jiġi biswit il-ħanut in kwistjoni għandu jitneħħa u minfloku jsiru żewġ bays bil-linji sofor.

4.3.1. **Permess għal tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet (T/4/10)**

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 7 ta' Ottubru 2013, mibgħuta mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, fejn għarrfet lill-operatur ta' Greystone Snack Bar ta' 153, Triq Ġorġ Borg Olivier bil-għan li jottjeni l-kunsens tal-Kunsill sabiex iqiegħed numru ta' imwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment imsemmi. Is-Segretarju għarraf li ntalbet pjanta li tindika l-medda ta' art li ser tiġi okkupata, kif ukoll in-numru u daqs tal-imwejjed li qed jiġu proposti.

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li din it-talba għandha tinżamm pendenti sakemm l-applikant jgħaddi l-pjanti.

4.4.1. ***Bring-In Sites* fiż-żoni tal-*boathouses* ġewwa l-Aħrax (K/6/10/Vol III)**

4.4.2. Saret referenza għal *e-mail* datata 17 ta' Ottubru 2013, mibgħuta minn Armier Developments Ltd fejn intqal li tneħħew l-iskips għall-iskart reċiklabbli li kien hemm f'Ramlet il-Qortin, fl-Armier iż-Żgħir u fir-Ramla tat-Torri l-Abjad. Dan minkejja li kienu jintużaw anke fix-xitwa fi tmiem-il ġimgħa.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li Green MT Ltd għandha tiġi mitluba tispjega din id-deċiżjoni li dwarha ma kien hemm ebda konsultazzjoni. Il-Kunsill talab ukoll sabiex jiġi verifikat x'jipprovdi l-kuntratt dwar dan l-aspett.

4.5.1. **Attivita` kummerċjali li tikkonsisti f'logħob għat-tfal (P/9/2/Vol III)**

4.5.2. Inqrat ittra datata 21 ta' Ottubru 2013, mibgħuta mill-Avukat Dr Josette Sultana, f'isem Vision Technologies Ltd, illi għandhom l-intenzjoni li jtellgħu logħob għat-tfal magħruf bħala *Laser Tag*. Din hija logħba li tappella kemm għat-tfal, kif ukoll għall-adulti. Bħala postijiet fejn tista' issir din it-tip ta' attivita`, ġew indikati l-inħawi tal-Fortizza ta' Campbell f'Selmun u l-barriera tal-Armier.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li skont ir-regolament 11(7) tar-Regolamenti li Jeħtieġu Permessi mill-Kunsilli Lokali – Avviż Legali 119 tal-2002 (S.L.441.04), attivitajiet kummerċjali ta' natura permanenti ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali u għalhekk l-applikazzjoni għandha ssir mad-Dipartiment tal-Kummerċ. Il-kompetenza tal-Kunsilli Lokali hija limitata għall-attivitajiet li ma jeċċedux aktar minn għaxart'ijiem.

4.6.1. **Ħarġa kulturali għall-*heritage trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/A)**

4.6.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 15 ta' Ottubru 2013, mibgħut mill-Malta Archaeological Society li talbet lill-Fondazzjoni Arkeo sabiex nhar is-Sibt 26 ta' Ottubru jorganizzaw ħarġa kulturali għall-membri tagħha u persuni oħra fil-*Heritage Trail* ta' Selmun-Imġiebaħ.

4.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-post għadu mhux addattat sabiex jipprovdi faċilitajiet biex issir *power point presentation*, peress li attwalment għaddej ix-xogħol fuq installazzjoni tal-elettriku.

4.7.1. **Stampar tal-ktieb "*Wartime Mellieħa – The Role of the Village in the Second World War*" (P/3/5)**

4.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet lill-Kunsill illi s-Sur Jeffrey Sammut lesta l-ewwel *proof reading* tal-ktieb imsemmi, filwaqt li s-Sur Joseph Bugeja għaddej bit-tieni *proof reading.*

4.7.3. Is-Segretarju għarraf li nħarġet *purchase order* fuq A. & M. Printing Ltd, kif kien approvat fis-seduta preċedenti.

4.7.4. Il-Kunsill innota l-progress li kien hemm.

**4.8.1. Trasport għall-Anzjani li jiffrekwentaw iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa (A/1/2/Vol IV)**

4.8.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li s-servizz beda fil-15 ta' Ottubru 2013 wara li nħarġet il-*purchase order* li tkopri għal servizz ta' darbtejn fil-ġimgħa sal-31 ta' Lulju 2013. Saret ukoll laqgħa mal-kuntrattur u l-persuna responsabbli miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Tnax-il persuna irreġistrata fiċ-ċentru qed tagħmel użu minn dan is-servizz. Huwa kompla jgħid li attwalment ħadd mill-Manikata ma huwa qed jagħmel użu minnu.

4.8.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet u qabel li l-Kappillan tal-Manikata għandu jintalab jagħmel avviż dwar is-servizz li qed jingħata għall-benefiċċju ta' dawk irreġistrati fiċ-ċentru tal-Mellieħa.

4.8.4. Il-Kunsillier J. Attard qal li l-kuntrattur offra li jagħmel vjaġġ ieħor, jekk n-numru ta' anzjani ma jkunx jista' jiġi akkomodat f'*minibus* waħda.

**4.9.1. Applikazzjoni għall-finanzjament ta' proġett taħt il-Miżura 313 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/23)**

4.9.2. Saret referenza għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti, biex il-Kunsill ġie nfurmat li uffiċjali mill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral ser jagħmlu spezzjoni fl-Armerija tal-Kamp ta' Għajn Tuffieħa fit-23 ta' Ottubru 2013.

4.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imessqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Ottubru 2013

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fiż-żewġ skedi.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn l-5 ta' Settembru u t-2 ta' Ottubru 2013.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-20 ta' Settembru u s-17 ta' Ottubru 2013.

6.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ddikjara li ser jastjeni mid-diskussjoni dwar l-iskeda tal-pagament, peress li għandu parentela ma' min għamel it-talba għall-ħlas Nru. 044-10-13.

6.5. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi mressqa. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

***"Billi permezz tal-Programm Operattiv tal-Unjoni Ewropea - Malta-Italja 2007-2013 - il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ssieħeb flimkien mar-Regione Sicilia, il-GAL di Val D'Anapo, WasteServ (Malta) Ltd u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bil-għan li jitwettaq il-Proġett PIM EnergEthica, skond ftehim iffirmat f'Canicattini Bagni (SR) fi Sqallija ,fid-29 ta' Lulju 2013;***

***Billi skont l-imsemmi ftehim, il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ġie allokat fondi u assenjat l-inkarigu li jikkommissjona studju dwar il-ġenerazzjoni tal-biomass (faxxina) fl-agrikoltura, li għandu jkopri t-territorju Malti u r-reġjuni ta' Ragusa u Sirakuża fi Sqallija; u***

***Billi saret sejħa għall-offerti (6/2013) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-Tender Adjudication Board tal-unika offerta sottomessa, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tat-8 ta' Ottubru 2013;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jiġi ffirmat mal-offerent A.I.S. Environmental Ltd, kif ġie rrakkomandat mill-Bord, u skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.".*** (P/10/22)

7.2. Tressaq rapport tat-*Tender Adjudication Board* tat-8 ta' Settembru 2013, fejn ġiet evalwata l-unika offerta li kien hemm wara s-sejħa pubblika li saret.

7.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 8.1. Sejħa għall-offerti dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għal Ġbir ta' Skart Ġoff (K/6/8)

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li t-*Tender Adjudication Board* irreveda l-kuntratt attwali dwar is-servizz imsemmi skont abbozz li ġie mgħoddi lill-kunsillieri kollha qabel is-seduta.

8.3. Saret referenza għall-*Pro Forma Bill of Quantities* u kien hemm qbil li l-fattur tal-piż għandu jiġi applikat fil-każ biss ta' terrapien. Għalhekk kien hemm qbil li dan għandu jinqara hekk:

| *Item* | *Annual Quantities* | *Rate inclusive of VAT and Conctract Management Fee* |
|---|---|---|
| | *Provide the bulky refuse collection service as specified in this contract.* | |
| *01.* | *Cost per Collection of one (1) item* | € |
| *02.* | *Cost per Collection of Second (2nd) to Third (3rd) item* | € |
| *03.* | *Cost of Additional Single items* | € |

8.4. Il-Kunsill approva kemm l-abbozz tad-dokument tal-offerta skont l-emenda fil-minuta 8.2. aktar 'il fuq, kif ukoll li tiġi ppubblikata s-sejħa.

## 9.1. Għeluq ta' Sqaq Ħarruba fil-Manikata għat-traffiku (D/3/1/Vol V)

9.2. Is-Sindku għarraf li fis-7 ta' Ottubru 2013 saret laqgħa fl-uffiċċju tal-MEPA mal-Perit Alex Borg u s-Sinjuri Ronnie Vella mit-taqsima tal-Infurzar tal-istess awtorita`. Attenda wkoll is-Sur Godfrey Gatt, uffiċjal mis-Segretarjat Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifakazzjoni tal-Proċess Amministrattiv, kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv. Mill-istess laqgħa rriżulta li l-MEPA mhux ser tibqa' tinsisti li Sqaq Ħarruba jiġi restitwit kif kien qabel saret it-trinka mill-Korporazzjoni Enemalta u l-għoti tal-konkos li sar sussegwentement mill-Kunsill. Dan għaliex fehmet li t-tneħħija ta' dan il-konkos ser jikkawża kumulu ta' terrapien fi Triq il-Wilġa. Minkejja dan, saret insistenza biex l-isqaq jiġi fiżikament magħluq bil-blokki tal-konkos mill-kantuniera ma' Triq il-Mejjiesa, filwaqt li jitwaħħlu tabelli *cul-de-sac* fin-naħa t'isfel tiegħu, kantuniera ma' Triq il-Manikata. B'hekk jitħalla aċċess għall-bdiewa biss.

9.3. Il-Kunsill approva dan l-arranġament wara li nnota illi b'hekk tkun tista' tkompli tiġi pproċessata l-applikazzjoni għas-sanzjonar tax-xogħol li sar mill-Kunsill.

## 10.1. Andament tas-Servizz dwar iż-Żamma tal-Latrini Pubbliċi (L/3/Vol II)

10.2. Is-Segretarju stqarr li l-andament ta' dan il-kuntratt għandu jiġi diskuss fid-dawl tal-fatt li:

- Li fis-Sajf saret pressjoni mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu sabiex jiġi mtejjeb is-servizz fil-latrina pubblika tal-Għadira (San Remo) billi jkun hemm attendenza kontinwa bejn l-10.00am u s-6.00pm;

- Saret pressjoni sabiex il-latrina tal-Armier, li ser tinżamm magħluqa bejn Ottubru u Diċembru, terġa tintfetaħ u fil-fatt saru arranġamenti sabiex din tinfetaħ fis-Sibtijiet u l-Ħdud, bejn id-9.00am u l-4.00pm permezz ta' ħaddiem assenjat mill-ETC;
- Kellu jsir arranġament ma' wieħed mill-operaturi tal-istabbilimenti li hemm fir-Ramla tal-Mixquqa sabiex il-latrina pubblika li hemm f'dik il-bajja tibqa' miftuħa wara l-ħinijiet stabbiliti fil-kuntratt, minn Ġunju sa Settembru, ossija wara d-9.00pm mit-Tnejn sal-Ħamis u wara f'nofs-il lejl mill-Ġimgħa sal-Ħadd;
- In-numru ta' drabi li jmur l-*attendant* fil-latrina tar-Ramla tal-Mixquqa mhux qed ikun biżżejjed sabiex din tinżamm nadifa; u
- Ġie nnutat li żdied l-vandaliżmu, partikularment fil-latrina tar-Ramla tal-Mixquqa;

10.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-kuntratt jeħtieġ jiġi rivedut mill-ġdid fil-parametri li jippermettu l-Proċeduri dwar Kunsilli Lokali (Offerti) u l-Kundizzjonijiet Ġenerali tal-Kuntratt. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur Absolute Cleaners Ltd bil-għan li tinkiseb l-opinjoni tiegħu qabel jitkompla x-xogħol fuq ir-reviżjoni tal-kuntratt.

## 11.1. Tħejjijiet għall-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi 2013 (A/5/3/6/Vol IV)

11.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li qabel l-attivitajiet ta' Milied Mellieħi għandha ssir żjara ta' kortesija lill-President ta' Malta l-Eċċ. Tiegħu George Abela. Huwa qal li hemm il-possibilta` li din isseħħ fid-9 ta' Diċembru 2013 fil-11.00am fil-Palazz ta' San Anton. Fl-istess okkażjoni jkun jista' jiġi ppreżentat il-*logo* tal-istess attivita`.

11.3. Is-Sur C. Bartolo qal ukoll li skont ir-regolamenti tal-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali, jeħtieġ li ssir konferenza stampa, fejn normalment jattendu s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali u xi uffiċjal mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu. Ma ġiet iffissata ebda data għal din il-konferenza.

11.4. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa għall-għaqdiet li normalment jieħdu sehem taħt it-tinda, fl-1 ta' Novembru 2013 fis-7.00pm fis-Sala tal-Kunsill.

11.5. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa, kif ukoll li ssir sejħa għall-istimi sabiex tintrama tinda f'Misraħ il-Parroċċa.

## 12.1. Ħajt perikoluż fi Triq l-Marfa (R/2/2)

12.2. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li parti mill-ħajt fl-*S-bend* ta' Triq l-Marfa, faċċata tal-Għajn tal-Mellieħa tmermer serjament u skont rapport li sar mill-*Contracts Manager* tal-15 ta' Ottubru 2013, dan jeħtieġ li jinħatt u jinbena mill-ġdid. Peress li l-post huwa skedat ix-xogħol involut jeħtieġ li jkun kopert bil-permess tal-MEPA.

12.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

## 13.1. Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2013 (F/5)

13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb stieden lill-Kunsill sabiex jieħu sehem fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb li ser issir bejn it-13 u s-17 ta' Novembru 2013 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenza fil-Belt Valletta. Kompliet tgħid li biex il-Kunsill jingħata spazju jeħtieġ li jsir ftehim bil-kitba, illi miegħu hemm marbut ħlas ta' €240.

13.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem u tittieħdet l-opportunita` biex jinbiegħu pubblikazzjonijiet li saru mill-Kunsill, kif ukoll oħrajn ta' awturi Melleħin. Huwa issuġġerixxa li s-Sinjuri Jimmy Muscat u Clifford Vella sabiex ikunu preżenti fl-i*stand* tal-Kunsill.

## 14.1. Assembea Ġenerali tal-EDEN Network (T/12/2)

14.2. Is-Sindku qal li l-Assemblea Ġenerali tal-*European Destination of Excellence Network* ser issir fi Brussel bejn it-12 u t-13 ta' Novembru 2013. Is-Sur J. Buttigieg ppropona li jattendi l-Viċi Sindku C. Bartolo. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-biljetti tal-ajru u l-akkomodazzjoni jiġu koperti mit-*network*.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku.

### 15.1. Periklu fi Triq Ġorġ Borg Olivier (D/3/1/Vol V)

15.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie kkuntattjat minn uffiċjal ta' Arriva Malta Ltd dwar il-fatt illi t-triq imsemmija tiżloq, partikularment meta l-wiċċ tagħha jkun imxarrab, fil-parti li tinsab bejn Triq Sant' Anna u Triq Sant' Elena. Huwa rrefera wkoll għal inċident riċenti fejn karozza tal-linja spiċċat ħabtet mal-bini, minħabba din il-problema.

15.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jintalab il-parir tal-*Contract Manager* responsabbli mir-*road resurfacing* bil-għan li jsir *scarifying* ħafif tal-wiċċ fil-parti l-aktar kritika.

### 16.1. Ħtieġa ta' restawr tal-Palazz ta' Selmun (S/5/1)

16.2. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-bini msemmija qed issirlu ħsara kbira bin-nuqqas ta' manutenzjoni, partikularment wara li ngħalqet il-lukanda li hemm biswitu. Huwa appella sabiex issir pressjoni fuq is-Sorvintendenza tal-Patrimonju Kulturali bil-għan li tittieħed azzjoni.

16.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir konsultazzjoni mal-*Contracts Manager* sabiex isiru r-rappreżentazzjonijiet proposti mis-Sindku.

### 17.1. Laqgħa għall-operaturi tal-lukandi fil-Mellieħa (T/12/Vol II)

17.2. Is-Sindku ppropona li għandha ssir laqgħa għall-operaturi tal-lukandi li jinsabu fil-Mellieħa, bil-għan li l-Kunsill jisma mingħandhom dwar il-kollaborazzjoni li jista' jkun hemm biex jitjieb il-prodott offrut lit-turisti.

17.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta, iżda ma ġietx iffissata data għal din il-laqgħa.

### 18.1. Servizzi fil-Klinika tal-Gvern u Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieha (M/8/Vol V)( A/1/2/Vol IV)

18.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li l-għaxar sessjonijiet tal-*aerobics* li ngħataw fiċ-ċentru ta' matul il-jum intemmu fit-30 ta' Ottubru 2013. Kompla jgħid li b'effett mill-1 ta' Novembru 2013 ser jibda l-kors ta' għoxrin sessjoni permess ta' *instructors* pprovduti mill-Kunsill Malti għall-Isports, bir-rata ta' €15.00 kull sessjoni permess tal-Iskema Attivitajiet Sportivi, amministrata flimkien mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 19.1. Materji pendenti ma' Transport Malta relatati mat-traffiku (T/3/2/Vol X)

19.2. Is-Sindku għarraf li fis-16 ta' Ottubru 2013 huwa kellu laqgħa mal-Periti A. Testaferrata u Susanne Bonello min Transport Malta, fejn ġew diskussi proposti li saru mill-Kunsill illi kienu għadhom pendent min-naħa tal-istess Awtorita`. Dawn kienu jinvolvu:

(a) Sistema ta' *one-ways* fi Triq Ġnien Ingraw, Triq is-Santwarju, Triq l-Għollieqa, Triq Mons. Indri Fenech and Triq il-Wied;

(b) Sistema *two way* fi triq il-ġdida li għadha fi stat ta' kostruzzjoni, biswit Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata;

(c) Faċilitajiet għall ħatt u tagħbija fi Triq il-Kappillan Magri kantuniera ma' Triq Sant' Elena;

(d) Parkeġġ limitat bil-ħin fi Triq Sant' Anna; u

(e) Għeluq ta' Triq Ġuże` Flores bejn Triq Pietru Pawl Caruana u Triq Toni Pace;

19.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li dwar (a) u (e) il-Kunsill stieden il-kummenti tan-nies billi kien ser jippubblika l-pjanijiet tiegħu fil-magazin "Mill-Qiegħa". Min-naħa ta' Transport Malta kien hemm il-wiegħda li ser jiġu pproċessati t-talbiet kollha elenkati hawn fuq.

19.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**20.1. Titjib meħtieġ fl-Għajn tal-Mellieħa (R/2/Vol II)**

20.2. Is-Sindku aċċenna li kienu għaddew għoxrin sena minn meta l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina kienet ħadet l-inizjattiva biex tnaddfet l-area tal-Għajn tal-Mellieħa, kif ukoll kienet fetħet mill-ġdid l-għejjun tal-ilma ġieri kif kienu fl-antik. Is-Sur Buttigieg ikkummenta li wara dan iż-żmien kollu jeħtieġ li jsir intervent ieħor, kemm f'dak li huwa tindif, kif ukoll biex jerġa jinġieb l-ilma fil-ħwat li maż-żmien intilef. Huwa ppropona li għandu jinkiseb il-parir tal-*Contracts Manager* dwar l-aħjar metodu kif għandu jsir ix-xogħol meħtieġ.

20.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta tas-Sindku.

**21.1. Santwarju tal-qtates fi Triq in-Nixxiegħa (A/9)**

21.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li xi residenti tat-triq imsemmija qed jilmentaw li r-resident partikuarli li, qed jikkawża nkonvenjenzi billi jitma' lill-qtates, bir-riżultat li jkun hemm ħinijiet fil-ġurnata li dawn jinġabru f'numru kbir u jħammġu il-bankini u triq.

21.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-materja għandha tiġi mgħoddija lill-Ispettur Sanitarju tad-Distrett biex jinvestiga l-ilment.

**22.1. Berġa f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa (M/8/Vol V)**

22.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni li t-taraġ illi jwassal għall-parti fejn hemm il-berġa f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa ma għandux puġġaman u għalhekk hemm persuni anżjani li qed isibuha diffiċċli biex jitilgħu miegħu.

22.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir talba lid-Dipartiment għall-Kura Primarja dwar in-nuqqas imsemmi.

**23.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol III)**

23.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li l-ħarġa li jmiss tkun fit-21 ta' Novembru 2013 fil-Qawra. Huwa ppjanat li din tkun tikkonsisti f'Quddiesa fil-Knisja ddedikata lil San Franġisk, u wara jkun hemm żjara fl-Akwarjum Nazzjonali. Il-ħlas li jkopri t-trasport, kafe` u dħul fil-bini tal-akwarjum ikun €15.

23.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

**24.1. Attrezzi għas-Sala tal-Kunsill (E/2/1/Vol III)**

24.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li jinxtara apparat tal-*audio* għas-sala tal-Kunsill sabiex ikun jista' jintuża waqt il-lezzjonijiet tal-*aerobics*, laqgħat eċċ.

24.3. Kien hemm qbil li għandha tinġieb stima.

**25.1. Titjib fil-Librerija Pubblika (L/4/Vol II)**

25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li t-tibjid tal-librerija pubblika sar flimkien mat-tibjid tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li saru l-*blinds* fit-twieqi li jagħtu għal barra.

25.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**26.1. *Pedestrian Crossing* fi Triq Dun Manwel Grima (T/3/2/Vol X)**

26.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li qed ikun periklu għat-tfal li jattendu l-klassijiet tad-dutrina fis-Sala Parrokkjali li hemm taħt il-Knisja tal-Manikata. Hija appellat sabiex issir *pedestrian crossing* quddiem il-bieb tal-istess sala.

26.3. Il-Kunsill ma laqax din il-proposta, billi l-post indikat jiġi qrib wisq il-kantuniera ma' Triq il-Mellieħa. Kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jitqajjem fis-Sotto-Kumitat Manikata bil-għan li jiġi rakkomandat rimedju ieħor.

27.1. **Attivita` għaż-żgħażagħ b'riżq il-Mellieħa Scout Group (Z/1/Vol V)**

27.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li ssir attivita` flimkien mal-Mellieħa *Scout Group* fil-Fortizza tas-Salib, fejn l-istess l-i*Scouts* jiċċarġjaw €5 għad-dħul bil-għan li jsiru xogħlijiet ta' titjib fil-post. Bi ftehim mad-diriġenti tal-i*Scouts* ġie propost li l-Kunsill jipprovdi l-apparat tal-*audio*.

27.3. Il-Kunsill approva t-talba u l-parteċipazzjoni fl-attivita` li ser issir fil-25 ta' Ottubru 2013.

## 28.1. Tlielaq tal-karozzi f'Dawret il-Mellieħa (A/6/3/2/Vol 44)

28.2. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-*hill climb* organizzata fi Triq Lewis Wettinger nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru 2013. Huwa aċċenna għall-fatt li nħolqot konġestjoni billi t-traffiku għadda kollu minn Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier, minħabba li Triq Lewis Wettinger ingħalqet mir-roundabout ta' Selmun. Huwa fakkar li l-Kunsill preċedenti kien iddeċieda li m'għandhomx jingħataw permessi għal avvenimenti sportivi f'Dawret il-Mellieħa, sakemm jintabu soluzzjonijiet għall-inkonvenjenzi li jiġu kkawżati.

28.3. Is-Sindku wieġeb li l-permess inħareġ wara li ngħata kunsens minn Transport Malta, filwaqt li s-sitwazzjoni tbiddlet, billi attwalment it-traffiku li jkun ġej mill-Manikata issa jista' jgħaddi mit-triq tal-Wied Ta' Rdum u jdur għal Triq Tal-Prajjet, fi triqtu lejn l-Aħrax. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta wkoll li din l-attivita` tiġi organizzati darba f'sena, u għalhekk ma jħossx li d-dilettanti ta' dan l-isports għandhom jiġu mċaħħda minnha.

## *29.1.* *Dispensers* tal-gazzetti fit-toroq (T/4/3/Vol II)

*29.2.* Il-Kunsillier P. Cutajar rrefera għad-*dispensers* li tpoġġew fuq il-bankini fi Triq il-Kbira u fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Huwa qal li minkejja illi dawn ma kellhomx ikunu bir-riklami, iżda jidher li dan m'għadux il-każ.

*29.3.* Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru l-verifiki mad-Dipartiment tal-Artijiet.

### AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għall-4 ta' Novembru 2013 fis-7.00pm

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**